Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 327/2015

**Jeffrey Micallef**

**Vs**

**Master Enterprise Company Limited**

17 ta' Novembru, 2017.

1. Permezz ta' avviz ta talba prezentat fl-24 ta' April, 2015, l-attur talab lit-Tribunal Ghal Talbiet Zghar sabiex jikkundanna lill-kumpannija intimata thallas is-somma ta' elf tlett mija sitta u ghoxrin euro u hamsa u tletin centezmu ta' euro (€1,326.35) u dana b'konsegwenza ta' hlas bi zball li qal li sar bazat fuq is-segwenti fatti:

*"1. Permezz ta' skrittura privata datata 11 ta' Ottubru, 2013, l-attur kellu jithallas is-somma ta' euros 39,671.64;*

*2. Permezz ta' l-istess skrittura surreferita l-attur kellu jithallas is-socjeta' konvenuta s-somma ta' euros 1,326.64;*

*3. Illi tali hlas dovut mill-attur lis-socjeta' konvenuta kellu jsir permezz ta' tpacija ma' l-ammont dovut mis-socjeta' intimata lill-attur;*

*4. Dan il-ftehim kien suggett ghall-ftehim finali in vista li dan l-arrangament kien jifforma parti ftehim ta' bejgh ta' ishma fis-socjeta' konvenuta;*

*5. Illi meta sar il-ftehim finali quddiem in-Nutar Abela bi svista l-ammont ta' euros 1,326.35 dovut lis-socjeta' konvenuta gie pacut darbtejn b'dan li l-attur ghamel hlas erronju lis-socjeta' intimata ta' euros 1,326.35 liema ammont fil-fatt ma kienx dovut in vista ta' dak miftiehem bejn il-partijiet;*

*6. Illi ghal kull buon fini jinghad li gew depozitati taht l-Awtorita' tal-Qorti s-somma ta' euros 822.32, liema somma hija wkoll dovuta lill-mittenti flimkien mal-ammont reklamat f'dan l-avviz ta' euros 1,326.25;*

*7. Illi minhabba li s-socjeta' konvenuta rrifjutat illi tirrifondi lura tali hlas, l-attur kien kostrett ihallas lill-bank BOV tali ammont liema ammont ghalhekk qieghed jigi reklamat mill-istess socjeta' konvenuta;*

*8. Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-6 ta' Marzu, 2015 bl-imghax legali b'effett mis-27 ta' Frar 2015 sad-data tal-effettiv pagament kontra s-socjeta' konvenuta li hija ingunta ghas-subizzjoni;"*

2. Il-konvenuta wiegbet:

*"1. Illi l-allegazzjonijiet huma infondati kemm bhala fatt kif ukoll bhala dritt u dan kif ser jigi trattat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;*

*2. Illi di piu' ghandu jirrizulta li ma sar ebda zball u dak li gie miftiehem kien il-ftehim iffirmat u li b'hekk ghandu japplika l-principju Pacta Sunt Servanda;*

*3. Illi quddiem in-Nutar Abela gie mahdum il-bilanc li kellu jinghata lir-rikorrenti skond il-ftehim miftiehem u dan il-ftehim gie sigillat fil-firem;*

*3. Illi hadd mill-partijiet ma gie mgieghel jiffirma l-kuntratt anzi kien hemm atmosfera ta' ftehim;"*

4. B'sentenza tad-29 ta' Frar, 2016, it-Tribunal cahad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta u kkundannaha thallas lill-attur is-somma ta' elf tlett mija u sitta u ghoxrin ewro u hamsa u tletin centezmu (€1,326.35), wara li qal:

*"Fit-trattazzjoni, hareg il-punt ta' jekk l-ammont ta' €1,326.35 li qieghed jirreklama r-rikorrenti fit-Talba odjerna huwiex rizultat ta' zball fil-konteggi li kienu saru jew inkellha kienx tnaqqas mill-partijiet bhala kompromess meta giet iffirmata l-iskrittura bejn il-partijiet fid-29 ta' Jannar, 2014. It-tribunal huwa konvint li dak li sar kien frott ta' zball. Dan ghaliex meta l-partijiet kienu waslu ghal bilanc ta' €37,000 li kien dovut mis-socjeta intimata lir-rikorrenti, tnizzlet is-somma ta' €37,000 meta fir-rejalta, kulhadd qabel, hlief ghar-rapprezentant tas-socjeta intimata li l-ammont kellhu jkun ta' €39,492.48c. It-Tribunal ma giex muri ghas-sodisfazzjon tieghu li l-ammont ta' €37,000 kien intlahaq bhala kompromess. Fil-fatt, fl-ewwel klawsola tal-ftehim datat 29 ta' Jannar, 2014 insibu hekk: "Jiddikjaraw li wara li nhadmu il-bilanci bejn il-partijiet u cioe ta' hlasijiet dovuta minn Jeffrey Micallef li Kumpanija u ta' bilanci dovuta minn Master Enterprise Company Limited lil Jeffrey Micallef jirrizulta li baqa Bilanc bejn il-partijiet ta' sebgha u tletin elf euro (€37,000) dovut minn Master Enterprise Company Limited lil Jeffrey Micallef" (fol. 41). Ghalhekk it-Tribunal qieghed jifhem li l-izball sehh meta kienu saru l-konteggi u l-konteggi ma jintlahqux b'kompromess izda billi jinghadd dak li thallas u dak li kien ghadu dovut. Wara kollox, anke l-accountant tas-socjeta intimata qabel li rrikorrenti kellhu jiehu ammont aktar minn dak li tnizzel fl-imsemmija skrittura. Huwa semma l-ammont ta' €1,166. Issa bejn dan l-ammont u l-ammont reklamat ta' €1,326.35 hemm differenza ta' €160.35c. It-Tribunal, wara li ra l-konteggi jaqbel ma l-ammont reklamat mir-rikorrenti. Is-socjeta intimata insistiet fuq il-punt tal-pacta sunt servanda fl-eccezzjoni taghha b'mod partikolari ghal dak li jinghad fl-ahhar klawsola ta' l-iskrittura datata 29 ta' Jannar, 2014 fejn inghad hekk: "In vista ta' dina l-kitba u ffirmar ta' kambjali jigi dikjarati li ma baqa l-ebda bilanci ohra bejn il-partijiet u kwalsiasi dokumenti ohra ffirmati bejn il-partijiet jitqiesu li huma mhassra u revokati" (fol. 42). Pero t-Tribunal jara li jekk jippermetti din is-sitwazzjoni, s-socjeta intimata tkun qeghda tarrikkixxi ruhha indebitament a skapitu tar-rikorrenti. Dan apparti dak li jipprovdi l-artikolu 1735 tal-Kapitolu 16 li jghid "Kull waħda mill-partijiet għandha jedd li titlob li jiġi msewwi żball ta' kalkolu li sar fit-transazzjoni"1. Ghalhekk, oltre l-ammont depositat permezz tac-cedola numru 450/2015 fl-ammont ta' €822.32c hemm dovuta mis-socjeta intimata lir-rikorrenti s-somma reklamata f'dawn il-proceduri ta' €1,326.35c".*

5. Fil-21 ta' Marzu, 2016 is-socjeta konvenuta appellat mis-sentenza. L-aggravji tal-appellanti huma:

i. F'dan il-kaz it-Tribunal naqas milli japplika l-principju legali ta' *pacta sunt servanda*. Inoltre, semmai l-attur kellu jaghmel kawza sabiex tigi

rexissa l-iskrittura privata. Il-kompetenza tat-Tribunal hi limitata ghal *money claims* u dan il-kaz kien intiz sabiex jattakka l-veracita ta' ftehim. Haga li ma tistax issir.

ii. Ma kien hemm l-ebda zball.

6. L-appellat wiegeb li:

i. Il-kawza kienet titratta *money claim*, cjoe' ammont dovut bhala kumpens wara li l-attur hallas bi zball lis-socjeta intimata.

ii. Peress li l-ammont tat-talba hu nqas minn €1,500, l-appellant ma kellux dritt ta' appell (artikolu 8(2) tal-Kap. 380).

iii. It-Tribunal ghamel apprezzament tajjeb tal-provi.

7. **Fatti**.

- **Fil-11 ta' Ottubru, 2013** Emanuel Micallef xtara minghand Saviour Micallef ishma fil-kumpannija konvenuta ghall-prezz ta' €97,775. F'dan ir-rigward il-partijiet iffirmaw skrittura privata.

- Fi klawzola 7 tal-kuntratt intqal:

  *"Emanuel Micallef hereby agrees to pay the sum of **euros 39,671.64** and such payment is to be effected within one year from today to Jeffrey Micallef payable in monthly equal and consecutive instalments with interest at the rate that is charged to Jeffrey Micallef by the bank"*.

- Fi klawzola 8 tal-kuntratt intqal:

  *"Mr Jeffrey Micallef is to pay to Master Enterprises Co Ltd the amount of **euros 1326.35** and it will be set off immediately from the amount due in clause seven"*.

- Jeffrey Micallef ma kienx firmatarju ta' dak il-kuntratt. Pero' jekk wiehed kellu japplika dak li jinghad fi klawzoli 7 u 8 tal-kuntratt, ifisser li s-socjeta konvenuta kienet debitrici ta' Jeffrey Micallef fl-ammont ta' **€38,345.29**.

- Bi skrittura privata **tad-29 ta' Jannar, 2014** li ffirmaw Jeffrey Micallef u Emanuel Micallef ghan-nom ta' Master Enterprise Company Limited, gie ddikjarat li l-bilanc li kien ghad fadal dovut lil Jeffrey Micallef kien €37,000.

- Fl-4 ta' Marzu, 2015 Emanuel Micallef iddepozita s-somma ta' €797.38 favur l-attur, wara li jidher li tnaqqsu l-ispejjez. Mill-atti jirrizulta li l-konvenuta offriet lill-attur is-somma ta' €822.32 bhala imghax fuq is-somma ta' €37,000 u dan skont il-klawzola qabel tal-ahhar tal-iskrittura tad-29 ta' Jannar, 2014. Hlas li l-attur m'accettax.

**Konsiderazzjoni.**

8. Bhala fatt jirrizulta li s-socjeta konvenuta hallset lill-attur dak li kien dovut lilu skont il-kuntratt tad-29 ta' Jannar, 2014, cjoe' is-somma ta' €37,000. L-imghax gie offrut lill-attur pero' m'accettahx. Ghalhekk l-ammont kien depozitat fil-qorti, u minnhom tnaqqsu l-ispejjez gudizzjarji relatati mad-depozitu.

9. Bil-mod li ddecieda t-Tribunal gie li varja dak li hemm espressament pattwit fl-iskrittura tad-29 ta' Jannar, 2014. It-Tribunal ikkonkluda li sar zball, ghaliex kien hemm qbil, bl-eccezzjoni tar-rapprezentant tas-socjeta konvenuta, li l-kapital dovut lill-attur kien €39,492.48. It-Tribunal kompla li ma kienx sodisfatt li s-somma ta' €37,000 kienet somma li l-kontendenti kienu ftehmu dwarha bhala kompromess. Il-qorti tosserva:

    i. Is-somma ta' €39,492.48 issemmiet minn Cheryl Gauci Micallef, li hi oht ir-rikorrenti, u Pio Tabone li hu l-*accountant* tas-socjeta konvenuta. Pero' hadd minnhom ma jirrizulta li kien involut jew prezenti meta l-kontendenti ffirmaw l-iskrittura privata tad-29 ta' Jannar, 2014.

    ii. Fl-iskrittura privata jinghad car u tond li l-konvenuta hi debitrici tal-attur fl-ammont ta' €37,000, kif ukoll:

    *"Dan id-debitu qed jigi avallata bi hdax il-kambjala ghal tlett elef (€3,000) kull wahda u kambjala ghal erbat elef euro (€4,000). Illi ma kull pagament il-kumpannija trid tinghata kambjala lura u fuq wara Jeffrey Micallef jiffirma li dan tkun thallset.....*

    ***In vista ta' dina l-kitba u ffirmar ta' kambjali jigi dikjarati li ma baqa' l-ebda bilanci ohra bejn il-partijiet u kwalsiasi dokumenti ohra ffirmati bejn il-partijiet jitqiesu li huma mhassra u revokati*"**.

    iii. L-azzjoni tal-attur hi bazata fuq il-premessa li fl-iskrittura tad-29 ta' Jannar, 2014 sar zball. Tant hu hekk li fl-avviz tat-talba ppremetta:

    *"5. Illi meta sar il-ftehim finali quddiem in-Nutar Abela* ***bi svista l-ammont ta' Euro 1,326.35 dovut lis-socjeta konvenuta gie pacut darbtejn****, b'dan li l-attur ghamel hlas erronju lis-socjeta intimata ta' Euro 1,326.35, liema ammont fil-fatt ma kienx dovut in vista ta' dak miftiehem bejn il-partijiet".*

    Min-naha tal-konvenuta wiegbet li ma sar ebda zball u dak li gie dikjarat fl-iskrittura kien jirrifletti l-ftehim.

    iv. It-Tribunal ghal Talbiet Zghar m'ghandux il-kompetenza biex jiddeciedi jekk fl-iskrittura privata tad-29 ta' Jannar, 2014 sarx zball meta l-partijiet iddikjaraw li l-kreditu dovut lill-attur kien €37,000 minflok

somma oghla kif jippretendi l-attur. Hu veru li l-pretensjoni tal-attur hi ghal €1,326.35. Pero' sabiex it-Tribunal jiddeciedi l-kawza, hemm bzonn li jigi determinat x'kien il-kreditu meta l-partijiet iffirmaw l-kuntratt. Hu biss b'dak il-mod li tista tasal ghal decizjoni dwar jekk il-pretensjoni tal-attur hijiex gustifikata. Ukoll mill-ittra ufficjali li pprezenta l-attur fis-6 ta' Marzu, 2015 hu evidenti li dik hi l-pretensjoni tal-attur. Fil-fatt fiha spjega li wara l-kuntratt tal-11 ta' Ottubru, 2013, dak il-ftehim:

*"…. Kellu jigi rifless fi ftehim appozitu quddiem Nutar izda bi svista meta gie iffirmat dan il-ftehim finali quddiem in-Nutar is-somma ta' Ewro 1,326.35 giet pacuta darbtejn u l-ammont ta' Ewro 39,671.64 gie ridott ghall Ewro 37,000 bil-konsegwenza li llum il-mitteni ghamel hlas erronju lil Master Enterprise Company Limited, u liema ammont fil-fatt ma kienx dovut in vista ta' dak miftiehem bejn il-partijiet".*

v. L-iskrittura tad-29 ta' Jannar, 2014 tirregola x'kien dovut lill-attur u kif ser jithallas. Din kienet materja li zgur it-Tribunal ma kellux il-kompetenza jiddeciedi dwarha meta tqies li l-kreditu, irrispettivament kienx €37,000 jew €38,346.03[1] jew somma ohra li hi iktar minn hekk, jaqbez bil-bosta l-kompetenza tat-Tribunal (artikolu 3(2) tal-Kap. 380).

vi. Fis-sentenza t-Tribunal ghamel riferenza ghall-Artikolu 1735 tal-Kodici Civili li jipprovdi: *"Kull wahda mill-partijiet ghandha jedd li titlob li jigi msewwi zball ta' kalkolu li sar fit-transazzjoni".* Apparti li mhemmx bizzejjed provi li setghu jwasslu lit-Tribunal biex jikkonkludi li l-iskrittura tad-29 ta' Jannar, 2014 kienet transazzjoni (ara definizzjoni fl-artikolu 1718 tal-Kodici Civili), xorta tibqa' d-diffikulta li ssemmiet fil-paragrafi precedenti.

10. Maghmula dawn il-konsiderazzjonijiet il-qorti tqies li l-ilment tal-konvenuta hu gustifikat u l-appell ammissibbli a bazi tal-artikolu 8(2) tal-Kap. 380.

**Ghal dawn il-motivi:**

**i. Tilqa' l-appell u thassar is-sentenza tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar tad-29 ta' Frar, 2016;**

**ii. Tiddikjara li t-Tribunal ma kellux il-gurisdizzjoni sabiex jiddeciedi jekk fil-kuntratt tad-29 ta' Jannar, 2014 sarx zball u ghaldaqstant tillibera lill-konvenuta mill-osservanza tal-gudizzju.**

**Spejjez taz-zewg istanzi huma a karigu tal-attur.**

Anthony Ellul.

[1] L-attur xehed: *"Meta taqta' dawn l-ammonti ghalhekk is-socjeta ntimata lili kellha taghtini tmienja u tletin elf tlett mija sitta u erbghin Ewro u tlett centezmi (€38,346.03)".*